# LECTIO DIVINA

# IR-IV ĦADD TAL-AVVENT (SENA A)

**Mt 1, 18-24**

L-ewwelnett huwa interessanti naraw b'liema mod Mattew – l-unika evanġelista li jagħtina ftit informazzjoni dwar San Ġużepp – jintroduċi l-figura tiegħu. F' 1,16 jippreżentah bħala l-"l-għarus ta' Marija li minnha twieled Ġesù, imsemmi Kristu". Din hija affermazzjoni mhix tas-soltu, għaliex fil-mentalità Lhudija hija l-mara li tiġi ppreżentata bħala għarusa tar-raġel. Dan kien jindika li l-mara tappartjeni lir-raġel tagħha u tiddependi minnu. Fil-każ ta' Ġużeppi mhux hekk, imma l-preżenza tiegħu hija marġinali għal fejn dik ta' Marija u, speċjalment, dik ta' Ġesù. Ġużeppi huwa dak li jagħraf li l-missjoni tiegħu hija importanti imma mhux ċentrali, u għalhekk huwa msejjaħ biex jirrinunzja għall-prerogattivi tiegħu u "jagħmel spazju lil ħaddieħor". Irid jagħmel lil Kristu ċ-ċentru ta' ħajtu.
Barra minn hekk, hemm fatt ieħor ta' interess kbir: fil-ftit li jidher, ikollu erba' ħolmiet li fihom jidhirlu anġlu u jordnalu x'għandu jagħmel. Ġużeppi qatt m'għandu ċar quddiemu il-pjan sħiħ ta' Alla għal dawk li ġew afdati f'idejh, imma dan jiġi rivelat mil-mod il-mod. Il-ħolm huwa l-konfini bejn il-pura fantasija u l -iktar parti sigrieta u profonda tiegħi li tiġi rrappreżentata fi xbihat (il-ħolma tirrapreżenta l-arkeoloġija tal-istorja personali tiegħi). Hekk ukoll il-messaġġ ta' Alla lil Ġużeppi: jasallu f'kuntest ta' dubju dwar x'inhu ġej minn Alla u x'inhu ġej mill-bniedem (it-tqala tal-għarusa tiegħu) u fl-istess ħin xi ħaġa intima (lil Ġesù n-nies "kienu jaħsbuh bin Ġużeppi" [*Lq* 3, 23]) li tqalliblu ħajtu.

**v. 18: It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.**

L-inkarnazzjoni fi ħdan familja li għadha qed titwieled, ma' persuni li għadhom qed jibnu l-futur tagħhom. Marija u Ġużeppi jridu jitgħallmu bil-mod il-mod jibnu l-ħajja tagħhom fuq Dak li sejrin jilqgħu fosthom. Iridu jadattaw il-mod ordinarju ta' kif żewġ għarajjes jidħlu għall - ħajja miżżewġa u fiċ-ċentru, flok il-ħolm tagħhom u l-ġibdiet naturali, iridu jpoġġu lil Kristu. Mat -tnissil ta' Ġesù, irid jieħu l-ħajja stil ġdid ta' relazzjonijiet, tibdil ta' taħt fuq. Dan kollu

se jkun partikularment ta' sfida għal Ġużeppi: mhuwiex hu il-protagonista ta' din l-għażla, ma kienx hu li oriġinarjament qal 'iva', imma se jġorr fuqu r-responsabilità tal-'iva' li qalet Marija. Xi stil ġdid, x'tibdil hemm bżonn fil-ħajja tiegħi biex nilqa' aħjar lil Kristu? biex bħala ragħaj nsostni bl-eżempju u l-kelma tiegħi l-iva ta' ħaddieħor lil Alla?

**v. 19: Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies.**

Bl-aġġettiv "ġust", apparti s-sinjifikat bibliku ta' xi ħadd li jfittex u jwettaq ir-rieda ta' Alla, nistgħu naraw id-disponibilità ta' Ġużeppi li jkun raġel u missier. Ġużeppi kien "raġel ġust" għax jinkarna fih it-tradizzjoni u l-liġi Lhudija u lest josservahom u jgħaddihom lil ta' warajh. Funzjoni ewlenija tal-missier hija li jirrappreżenta n-norma u r-regola għal ibnu, u permezz ta' dan ifakkar lit-tifel (ħafna drabi b'mod trawmatiku) li hu mhuwiex omnipotenti u li mhux kollox u kulħadd għall-qadi tiegħu. Il-preżenza ta' normi li huma 'l fuq minnu jagħtu lit-tifel sens ta' sigurtà u jgħallmuh jagħti spazju għal ħaddieħor u jibda jesperimenta l-possibilità tal-imħabba għall-oħrajn. Imma Ġużeppi huwa wkoll ġust għaliex mal-lealtà lejn il-liġi jsieħeb it-tjubija u l-ħarsien tad-dgħajjef, u għalhekk jasal għas-sens l-iktar profond tar-realtà. Għalhekk jikkontempla li josserva l-liġi u jagħti lil Marija l-kitba tad-divorzju lil Marija, imma biss quddiem żewġ xhieda bla ma jxandarha. Is-sens ta' bilanċ bejn il-qawwa u l-ħniena li jesprimi l-maturità umana.

**v. 20: Meta kien għadu qiegħed jaħsibha**

Anki hawn ninsabu fil-preżenza ta' attribut tendenzjalment maskili li s-saċerdot huwa msejjaħ li jgħix. Ġużeppi kien għadu qed jaħseb is-soluzzjoni bejnu u bejn ruħu bla ma seta' jgħid xejn lil ħadd għax inkella jġib lill-għarusa tiegħu fl-inkwiet. Hemm sens qawwi ta' solitudni f'dan kollu, mument f'ħajtu fejn hu waħdu mal-inkwiet tiegħu mingħajr il-possibilità li jserraħ fuq l-ispalla ta' xi ħadd ieħor. Hija prova ta' qlubija kbira, anki quddiem il-possibilità li s-soluzzjoni tiegħi tista' tkun żbaljata.

**v. 20: deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm**

Ninnutaw il-kollegament bejn l -inwkiet, l-irqad, u l-ħolm. Ħafna drabi min ikun inkwetat jew ma joqrodx jew inkella joħlom bl-inkwiet li jkollu. It-toqol ta' San Ġużepp huwa espress anki fid-diffikultà li jorqod, li jintelaq għan-ngħas tiegħu waqt li qed iħossu mhedded (hu u dik li jħobb). L-istat tiegħu huwa xhieda ta' kemm kellu għal qalbu lill -għarusa tiegħu u ta' kemm

ħass ir-responsabilità anki lejn it-tarbija li kellha f'ġufha. Huwa f'dan l-istat ta' tbatija solitarja għal ħaddieħor li Alla jibgħatlu l-messaġġier tiegħu.

**v. 20: u qallu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija**

Għandna l-ewwelnett l-espressjoni tipika li permezz tagħha fil-Bibbja tiġi mħabbra vokazzjoni. Ġużeppi huwa mistiedan ma jibżax billi ma jaħrabx din is-sitwazzjoni, ma jfittixx *short ways out*, imma jibqa hemm, jieħu fuqu r-responsabilitajiet tiegħu bis-sabar kollu, u jkompli l-missjoni tiegħu anki jekk ma jafx x'se jiġri 'l quddiem. Huwa l-mudell tal-bniedem li jagħmel ħiltu sabiex ikun hemm propju fejn il-Mulej jixtieq- u jeħtieġu.

**v. 20: għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu**

L-anġlu mhux biss ifakkar lil Ġużeppi biex ma jibżax minn dak l-iben li mhux tiegħu, imma wkoll li quddiem it-tentazzjoni li jagħmlu tiegħu dan jiftakar li Dak "ġej mill-Ispirtu s-Santu" u allura huwa ta' xi ħadd ikbar minnu. Ġużeppi huwa mistieden sa minn kmieni biex joqgħod attent mid-dinamika tal-possessività, hekk qerrieda fir-relazzjonijiet. Minflok, huwa msejjaħ sabiex ikun il-ħarries (*redemptoris custos*) tal-Iben ta' Alla li jipprovdilu kollox daqslikieku kien ibnu bla ma jorbtu miegħu. Huwa mistieden iħarsu bħala misteru ferm ikbar minnu. F'dan huwa mudell mill-ikbar ta' libertà tal-qalb għal kull min hu msejjaħ biex ikun missier.

**v. 21: Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom**

Jerġa joħroġ fid-dieher ir-rwol deċiżiv tal-missier fit-twelid tal-iben. Meta l-missier jagħti l-isem lil ibnu, dan ikun qed jirrikonoxxih bħala Lhudi, jilqgħu fit-tribù tiegħu, u jgħaddilu l-linja ereditarja li għaddewlu missirijietu. Huwa l-ewwel att ta' mħabba li jagħmel ma' ibnu li għadu kemm twieled: dak li rċieva mingħand ħaddieħor ma jżommux għalih imma jgħaddih lil ta' warajh biex dan ikollu l-istess dinjità u drittijiet li għandu hu. Il-missier huwa msejjaħ sabiex ikun fuq ibnu u jillimiltalu l-imġjieba u l-aggressività tiegħu, imma fl-istess waqt din l -awtorità mhijiex arbitriju. Il -missier jirrikonoxxi l-limiti tal-awtorità tiegħu fuq ibnu għax kien hu stess li – meta tah l-isem – għarfu bħala persuna bħalu u wieħed mill-familjari tiegħu. Dawn l-irwoli marbuta mal-figura tal-missier huma ta' ispirazzjoni kbira għas-saċerdot.

**v. 22-24: Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: "Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El", li bi lsienna jfisser "Alla magħna". Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu.**

Anki jekk qalb l-indeċiżjoni u l-inkwiet, Ġużeppi jgħaddi għad-deċiżjoni u għall-azzjoni, frott il-konvinzjoni li dik kienet is-sejħa ta' Alla għalih. Dak li jwassal li San Ġużepp biex jiddeċiedi mhijiex l-informazzjoni dwar il-kif u x'fatta, jew l-assigurazzjoni li se jmur kollox tajjeb, imma l-konvinzjoni li dak il-leħen kellu xi ħaġa speċjali. Ġużeppi u Marija jagħmlu l-esperjenza ta' "Alla magħna", li mhijiex esperjenza ta' darba imma stil ta' ħajja fejn nibqa' miftuħ għal iktar sejħat (l-anġlu kelli jerġa jkellem lil Ġużeppi tlett darbiet oħra u anki hemm Ġużeppi jerġa' jagħmel dak li jgħidlu).